**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Dicembru, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 239/2019 AF**

**L-Avukati Dottor John Bonello**

**Dottor Marycien Vassallo u**

**l-Prokuratur Legali Jean-Pierre Busuttil**

**vs**

**Direttur, Qrati Civili u Tribunali**

**L-Avukati Dottor Keith A. Borg u Dottor Carlos Bugeja**

**Il-Prokuratur Legali Luisa Tufigno**

**Antoine Portelli u**

**Marthese sive Merthis Portelli**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor John Bonello, l-Avukat Dottor Marycien Vassallo u l-Prokuratur Legali Jean-Pierre Busuttil li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Dan hu rikors a tenur tal-Art. 64 tal-Kap. 12 ghar-ritassa ta' drittijiet u spejjez gudizzjarji kif intaxxati mill-intimat Registratur ossia Direttur, Qrati Civili u Tribunali permezz ta' taxxa mahduma fit-8 ta' Ottubru 2019 u mahruga lill-esponenti avukati, kopja ta' liema qed tigi annessa u mmarkata "Dok. A" u dan in segwitu ghall-kawza fl-ismijiet "Antoine Portelli vs Marthese *sive* Merthis Portelli" (Rikors Guramentat numru 15/13RGM) deciza minn din l-Onorabbli Qorti b'sentenza tas-27 ta' April 2017 u finalment deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2019.

In segwitu ghas-sentenza appena citata, b'ittra tad-9 ta' Awwissu 2019 l-intimat Direttur, Qrati Civili u Tribunali informa lill-partijiet interessati li din il-kawza ma tistax tigi intaxxata billi ma jirrizultax valur cert u/jew likwidu dwar il-komunjoni tal-akkwisti, l-valur tal-kontijiet bankarji, l-valur tal-poloz tal-assisgurazzjoni, l-valur tal-vertenza quddiem it-Tribunal Industrijali ma' Smart City.

Prevja skambji bejn l-avukati sottofirmati (patrocinanti l-konvenuta fil-kawza deciza) u l-avukati intimati odjerni (patrocinanti l-attur fil-kawza deciza) intlahaq akkordju li tigi pprezentata nota kongunta fit-termini segwenti:

> Nota tal-kontendenti:
>
> Illi permezz taghha, b'riferenza ghall-Ittra tar-Registratur tad-9 ta' Awwissu 2019, fejn intalbu jaghtu valur ghall-ghanijiet ta' intaxxar tal-kawza fl-ismijiet premessi, qeghdin jindikaw il-valur ta' **€430,750** ghall-iskop tal-intaxxar *ad valorem* tat-talba/iet rigwardanti l-komunjoni tal-akkwisti.
>
> Jigi dikjarat li din ic-cifra ma tinkludix il-valur ta' vertenza quddiem it-Tribunal Industrijali ma' Smart City billi din ma gietx likwidata.

A bazi ta' din in-nota kongunta, kopja ta' liema qed tigi annessa u mmarkata "Dok. B", liema nota giet ipprezentata nhar il-11 ta' Settembru 2019, giet mahduma t-taxxa tal-kawza tat-8 ta' Ottubru 2019 (Dok. A).

Minn ezami tat-taxxa jidher li filwaqt li d-dritt tal-avukati u l-prokuraturi legali patrocinanti fl-appell gie ntaxxat a bazi tal-valur maqbul fin-nota, fejn imiss mal-kawza in prim'istanza – u senjatament ghas-sentenza tas-27 ta' April 2017 – id-dritt tal-avukati gie ntaxxat fis-somma ta' €585 ghall-azzjoni principali u €835 ghall-azzjoni rikonvenzjonali waqt li d-dritt tal-prokuraturi legali gie ntaxxat fis-somma ta' €195 ghall-azzjoni principali u €278.33 ghall-azzjoni rikonvenzjonali.

Minn dak li jistghu jifhmu l-avukati esponenti jidher li d-dritt tal-avukat gie komputat a bazi ta' partita 20 ta' Tariffa E minghajr ma ttiehed qies tat-talba ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li kellha tittiehed *ad valorem* u titqies a bazi tal-partita. Probabilment dan sar billi kellha tinahdem il-malleverija tal-appell u hi manifestament erronja.

Gjaladarba hemm qbil fuq is-somma ta' €430,750 ghall-iskop tal-intaxxar *ad valorem* tat-talba/iet rigwardanti l-komunjoni tal-akkwisti hu car li din is-somma ghandha tapplika wkoll ghall-proceduri in prim'istanza.

Meta mitlub jiccara ghalfejn il-valur maqbul ma giex uzat anke ghall-proceduri in prim'istanza, l-intimat Direttur, Qrati Civili u Tribunali stqarr li sabiex issir korrezzjoni hija mehtiega nota iffirmata sija mill-avukati kif ukoll mill-partijiet fejn jintalab li t-taxxa tal-kawza in prim'istanza tigi riveduta a bazi tan-nota kongunta prezentata. Sal-lum ma kienx possibbli li tali nota tigi prezentata u l-esponenti kienu kostretti jipprocedu bl-odjerna procedura ta' ritassa.

Hu car li gjaladarba l-valur tal-komunjoni tal-akkwisti huwa ta' €430,750 u ma setax jasal ghalih ir-Registratur jekk mhux bl-intervent u l-qbil tal-kontendenti, daqstant iehor ma setax jasal ghal valur biex tkun tista' tigi ntaxxata l-kawza in prim'istanza u kwindi l-intaxxar hu erronju u bi pregudizzju ghall-esponenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Thassar u tirrevoka t-taxxa mahduma fit-8 ta' Ottubru 2019 u mahruga in segwitu ghall-kawza fl-ismijiet "Antoine Portelli vs Marthese *sive* Merthis Portelli" (Rikors Guramentat numru 15/13 RGM) finalment deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2019.

2. Tordna li t-taxxa tinahdem mill-gdid b'dan li ghall-ghanijiet ta' intaxxar tal-kawza in prim'istanza u senjatament ghas-sentenza tas-27 ta' April 2017 id-dritt tal-avukati jigi ntaxxat ukoll a bazi tal-valur maqbul skond in-nota kongunta prezentata nhar il-11 ta' Settembru 2019.

u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrulha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-intimata Marthese *sive* Merthis Roper li permezz tagħha rrimettiet ruħha għall-ġudizzju tal-Qorti b'dan illi m'għandhiex tbati spejjeż.

Rat ir-risposta tal-intimati l-Avukat Dottor Keith Borg, l-Avukat Dottor Carlos Bugeja u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno li permezz tagħha eċċepew illi:

Fl-ewwel lok, din l-Onorabbli Qorti ma hijiex dik kompetenti sabiex tidderimi l-vertenza odjerna.

Il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti hija arginata fil-Leg. Suss. 12.19 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprekluduha milli tiehu qies ta' kwalunkwe talba msejsa ai termini tal-Art. 64 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fit-tieni lok, l-esponenti jirrilevaw, kif del resto korrettement jirrilevaw anke r-rikorrenti, illi huma ottemporaw ruhhom bi shih mat-talba tar-Registratur tal-Qrati kif kontenuta fl-ittra tieghu tad-9 ta' Awwissu 2019.

Konsegwentement ghal kwalunkwe nuqqas fit-Taxxa ta' Drittijiet u Spejjez in ezami, jekk dejjem jirrizulta, certament ma jahtux l-istanti.

Fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-istanti jirriservaw il-posizzjoni taghhom una volta ssir id-debita kjarifika mill-intimat Direttur, Qrati Civili u Tribunali fir-rispett tal-kwezit sollevat mir-rikorrenti fil-premessa numru sitta (6) tar-rikors promotur, liema kwezit jista' biss jigi ndirizzat mill-imsemmi intimat.

F'dan ir-rispett l-esponenti qeghdin iwettqu d-debita rizerva li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri ghad-domanda rikorrenti.

Fir-raba' lok, in vista tal-premess, l-esponenti ma jistghux hlief, f'dan il-mument, jopponu d-domanda rikorrenti kemm fil-mertu u kif ukoll fir-rispett tal-allokazzjoni tal-ispejjez gudizzjarji.

Rat ir-risposta tal-intimat Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Din hija kawza ta' ritassa ai termini tal-Art. 64 tal-Kap. 12 maghmula mill-avukati difensuri tal-konvenuta mharrka fil-kawza numru 15/2013 RGM fl-ismijiet Antoine Portelli vs Marthese *sive* Merthis Portelli u l-eccipjenti jissottometti is-segwenti:

Preliminarjament din il-Qorti mhix kompetenti *rationae materiae* biex tisma' kawza ta' ritassa. Dan it-tip ta' kawza mhux wiehed minn dawk indikati fil-L.S. 12.19 (ara Ordni Nru. 4 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Civili. Illi jkun ahjar jekk din il-Qorti tapplika d-dettami tal-Art. 741 tal-Kap. 12 u tibghat din il-kawza quddiem il-qorti kompetenti.

Minghajr pregudizzju ghall-ewwel osservazzjoni, din il-kawza ma tistax tigi proposta peress li qed issir kontra dak li jghid l-art. 64 tal-Kap. 12 fis-sens illi dan ir-rikors gie pprezentat tardivament u cioè wara t-terminu propost fl-istess artikolu entro liema tista' tigi attakkata taxxa u dan kif ser jigi spjegat hawn taht.

Ir-rikorrenti odjerni qed isostnu fil-paragrafu 7 tar-rikors illi t-taxxa ad valorem ghandha tapplika ghat-taxxa tal-prim'istanza. Hija din it-taxxa tal-prim'istanza li r-rikorrenti odjerni jridu jbiddlu. It-taxxa tal-prim'istanza nhadmet fit-30 ta' Gunju 2017 u ghalhekk ferm aktar mix-xahar indikat fl-art. 64 entro liema ghandu jigi pprezentat ir-rikors ghal min jitlob ir-ritassazzjoni tal-kawza.

Fil-mertu t-taxxa tal-prim'istanza, kif gja inghad, nhadmet fit-30 ta' Gunju 2017 u ghalkemm il-partijiet u d-difensuri ntalbu jaghtu l-valur mertu tal-kawza 15/2013, hadd ma pprezenta nota li tindika dak il-valur u ghalhekk ir-registratur ghadda biex intaxxa din il-kawza bhala punt ta' ligi jew ta' fatt.

Il-kontendenti f'dik il-kawza 15/2013 pprezentaw in-nota kongunta bil-valur fil-11 ta' Settembru 2019, u allura ferm wara li kienet inhadmet it-taxxa tal-prim'istanza li kienet ilha lesta mill-2017. Tajjeb li jinghad li din in-nota konguntiva giet ipprezentata fil-Qorti tal-Appell. U kien ghalhekk li t-taxxa tar-rikors tal-appell gie intaxxat skond il-valur indikat fin-nota.

Dato ma non concesso, illi din il-Qorti ssib favur ir-rikorrenti, l-esponenti jissottometti li m'ghandux ibati spejjez ta' din il-vertenza peress li huwa hadem kull taxxa hawn mahduma kif rikjest mil-ligi u kien biss wara li ghadda z-zmien li r-rikorrenti odjrni talbu l-korrezzjoni tat-taxxa.

Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2020 Dr. Keith Borg għall-intimat Antoine Portelli għamel tiegħu r-risposta li ġiet intavolata minn Dr. Keith Borg f'ismu proprju u għal Dr. Carlos Bugeja u PL Luisa Tufigno.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta wara li fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2020 quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ir-rikorrent Dr. John Bonello qabel li din il-kawża għandha tiġi assenjata lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija azzjoni għal ritassa. Ir-rikorrenti qegħdin jimpunjaw id-dritt intaxxat favurihom mir-Reġistratur intimat fil-kawża fl-ismijiet Antoine Portelli vs Marthese sive Merthis Portelli (rikors ġuramentat 15/13 RGM) deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' April 2017 u mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2019. Dan peress illi huma jgħidu li d-dritt intaxxat favurihom għall-proċeduri fil-prim'istanza kellu jinħadem *ad valorem* kif fil-fatt inħadem id-dritt intaxxat għall-proċeduri fl-appell.

Id-drittijiet professjonali li għandhom jiġu ntaxxati mir-Reġistratur intimat favur l-avukati, prokuraturi legali u kuraturi huma regolati permezz tat-Tariffa E tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din it-Tariffa tirregola *inter alia* d-drittijiet professjonali li għandhom jiġu ntaxxati favur l-avukati għall-atti li jiġu ppreżentati kif ukoll dak magħruf bħala 'd-dritt tal-aħħar' fuq is-sentenza finali.

Il-paragrafu 13 tat-Tariffa *de quo* jirregola d-dritt li għandu jiġi ntaxxat *ad valorem* fuq is-sentenza finali favur l-avukati tal-partijiet meta l-kawża tkun dwar somma flus. Il-paragrafu ta' wara jgħid illi meta d-deċiżjoni tkun dwar punt ta' fatt jew ta' liġi imma jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli, id-dritt relattiv għandu jinħadem skont il-paragrafu 13, filwaqt illi l-paragrafu 15 jistabbilixxi d-dritt li għandu jiġi ntaxxat meta s-sentenza tkun għal kull dikjarazzjoni oħra li jkun fiha deċiżjoni dwar xi punt ta' liġi jew ta' fatt.

Dwar id-dritt li għandu jiġi ntaxxat għall-proċeduri fl-appell, l-artikolu 38 tat-Tariffa E jipprovdi li '*Fuq appell id-drittijiet li hemm fil-paragrafi 13 sa 36 inklużi, għandhom jiżdiedu b'terz.*'

Fil-każ fl-ismijiet Speranza Gatt et vs Avukat Dottor Albert Libreri et, tat-18 ta' Frar 2010, intqal hekk dwar din ix-xorta ta' azzjoni:

> *"Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-każ, jibda biex jingħad li l-ħsieb wara dispożizzjonijiet tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti u li jħares il-jeddijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawk il-funzjonijiet. Fil-każ maħsub fl-artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-ħruġ ta' taxxi ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji li, f'għajnejn il-liġi, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv. Minħabba li l-ħruġ ta' dawk it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrattiv li, minbarra li jimxi fuq atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni tar-reġistratur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak il-ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss;*
>
> *Illi huwa f'dan id-dawl li jrid jitqies ukoll li r-raġuni biex wieħed jattakka l-ħruġ ta' taxxa trid tkun waħda serja u mhux mibnija biss fuq nuqqas ta' qbil tal-persuna milquta. Huwa għalhekk ukoll li l-liġi tagħti żmien perentorju ta' xahar li fih taxxa bħal dik tista' tkun attakkata. Bħalma jiġri fil-każ ta' sentenzi tal-qrati jew titoli eżekuttivi oħrajn, huwa meħtieġ li tinħoloq iċ-ċertezza u li tali ċertezza ma tkunx tiddependi mill-kapriċċ fieragħ tal-parti milquta jew minn tul indeterminat ta' żmien li jaf ikun ta' ħsara akbar, l-aktar meta wieħed ikun irid jeżegwixxi titolu bħal dak;*
>
> *Illi għalhekk, il-proċedura maħsuba biex wieħed jattakka taxxa ġudizzjarja għandha titqies bħala waħda speċjali li tirnexxi biss fejn u jekk kemm-il darba jintwera li jkun hemm iċ-ċirkostanzi xierqa li jwasslu lill-Qorti biex tordna lir-Reġistratur jerġa' jwettaq sewwa l-funzjoni tiegħu. Għall-kuntrarju ta' sentenza jew degriet, it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji m'hijiex att tal-Qorti, imma att tar-Reġistratur. Bħala tali, l-azzjoni maħsuba biex tattakka taxxa bħal dik tista' titqies bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju fejn il-Qorti tgħarbel il-kriterji mħaddma mir-Reġistratur u tqishom fid-dawl tal-liġi fis-seħħ bla ma tgħaddi hi biex twettaq dik il-funzjoni. Huwa għalhekk li f'każ fejn parti jseħħilha turi raġunijiet tajba biex twaqqa' taxxa ġudizzjarja maħruġa mir-*

*Reġistratur, il-Qorti tagħti ordni lill-istess Reġistratur biex jagħmel dik it-taxxa mill-ġdid."*

In linea preliminari, l-intimati jeċċepixxu n-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata in kwantu li l-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

In linea preliminari wkoll, ir-Reġistratur intimat jeċċepixxi li din il-kawża ma setgħetx tiġi proposta peress illi r-rikors promotur kien tardiv, u dan peress illi r-rikorrenti qed jikkontestaw id-dritt intaxxat favurihom in prim'istanza meta dik it-taxxa inħadmet fit-30 ta' Ġunju 2017 u din il-kawża saret aktar minn sentejn wara. A tenur tal-artikolu 64(1) tal-Kap. 12:

*"L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika."*

Kwistjoni simili ġiet trattata u deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri (Għawdex) fis-sentenza riċenti fl-ismijiet L-Avukat Georgine Schembri vs Registratur tal-Qrati u Tribunali ta' Ghawdex et, tal-5 ta' Mejju 2021:

*"Illi minn dan l-artikolu jitnissel li huwa r-Registratur tal-Qorti li jintaxxa l-ispejjez gudizzjarji u li johrog it-taxxa relattiva. L-artikolu jistipula wkoll iz-zmien li fih tista' tigi attakkata taxxa li jibda jiddekorri b'zewg modi u cioè:*

*i. minn dakinhar li tinhareg it-taxxa fil-konfront tal-persuna li tkun talbet it-taxxa; u,*

*ii. minn dakinhar tan-notifika tat-taxxa b'att gudizzjarju fil-konfront tad-debitur li minghandu jkun qed jintalab ihallas.*

*Illi huwa dritt ta' kull parti nteressata li timpunja taxxa fi zmien stipulat mill-ligi. Kemm-il darba dak iz-zmien jghaddi minghajr ma jittiehdu l-proceduri msemmija, it-taxxa ssir titolu ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u ma tkunx tista' tigi aktar kontestata. Hekk difatti gie enuncjat fid-decizjoni deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Marzu, 2013 fl-ismijiet Accent Clear Traders Limited -vs- Registratur tal-Qrati u Cole Foods illi:*

*"Stabbilit li l-uniku procedura prevista mill-Kodici ghall-kontestazzjoni ta' taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti hija dik ta' ritassa prevvista bl-artikolu 64 tal-Kap.12, jibqa' ghalhekk l-ezami tad-dekors tal-perjodu ta' preskrizzjoni gudizzjarja ta' xahar li johrog minn dak l-artikolu.*

*Kif gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, "Wara jkun fid-drittijiet tal-parti nteressata li tattakka din it-tassazzjoni fi zmien utili u kemm-il darba dak iz-zmien jghaddi minghajr ma jittiehdu l-proceduri msemmija fl-artikolu citat (art.64) dik it-taxxa ma tkunx tista' tigi aktar ikkontestata u ssir titolu ezekuttiv skont ma jipprovdi l-artikolu 253 sub-inciz (c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta". (Mid Med Bank Plc -v- Ellul Holdings Limited noe et. PA).*

*Hekk ukoll intqal li "Come si stabilisce dall'art. 80, Cod. Proc.Civ. (illum art. 64 tal-Kodici) le tasse fatte dal Registratore non possono essere impugnate spirato un mese dal giorno in cui fossero, anche per lettera ufficiale, notificate."*

*…*

*Jigi osservat li l-artikolu 64 (1) jispecifika d-dies a quo minn meta jibda jiddekorri t-terminu biss fil-kaz ta' min jitlob it-taxxa u cjoe' "mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa" u," għad-debitur mill-ġurnata ta' notifika ta' att gudizzjarju." Izda l-legislatur ma jistabbilixxi ebda regola fir-rigward tal-parti li la talbet il-hrug tat-taxxa u lanqas hija d-debitur ghall-hlas kif proprju u l-kaz tal-lum."'*

Dan kollu jsib applikazzjoni fil-każ tal-lum. Kemm Dr. John Bonello u kemm Dr. Marycien Vassallo xehdu li ma kienux huma li ġabru t-taxxa tat-30 ta' Ġunju 2017 u l-ewwel darba li ġiet f'idejhom kienet wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Il-Prokuratur legali rikorrent ma xehedx iżda r-Reġistratur intimat ma setax jgħid min kien ircieva t-taxxa tal-prim'istanza. Fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni, il-Qorti ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li t-terminu ta' xahar ma bediex jiddekorri minn dakinhar li nħadmet it-taxxa tal-proċeduri in prim'istanza fit-30 ta' Ġunju 2017.

Huwa paċifiku li t-taxxa tad-drittijiet u spejjeż tinħadem fuq il-valur li jew jiġi speċifikament dikjarat fl-atti tal-kawża jew inkella li jiġi b'xi mod ieħor stabbilit mill-atti proċesswali.

Ir-rikorrenti jispjegaw li permezz ta' ittra tad-9 ta' Awwissu 2019, li kopja tagħha ma ġietx esibita f'dawn l-atti, ir-Reġistratur intimat informa lill-partijiet interessati li l-kawża Antoine Portelli vs Marthese *sive* Merthis Portelli ma tistax tiġi intaxxata billi ma jirriżultax valur ċert u/jew likwidu dwar il-komunjoni tal-akkwisti, il-valur tal-proprjetajiet formanti l-komunjoni tal-akkwisti, il-valur tal-kontijiet bankarji, il-valur tal-poloz tal-assigurazzjoni u l-valur tal-vertenza quddiem it-Tribunal Industrijali ma' Smart City.

Intlaħaq ftehim bejn l-avukati tal-partijiet u permezz ta' nota tal-kontendenti flimkien ippreżentata nhar il-11 ta' Settembru 2019 Dr. John Bonello u Dr. Keith Borg indikaw lir-Reġistratur intimat illi l-valur għal skop ta' intaxxar *ad valorem* tat-talba/iet rigwardanti l-komunjoni tal-akkwisti huwa ta' €430,750.

Abbażi ta' din in-nota konġunta, r-Reġistratur intimat intaxxa d-dritt tar-rikorrenti u tal-avukati u Prokuratur Legali intimati skont il-valur maqbul f'din in-nota għal dak li għandu x'jaqsam mad-dritt għall-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell iżda d-dritt għall-proċeduri in prim'istanza kien diġà ġie ntaxxat fuq punt ta' fatt jew ta' liġi fit-30 ta' Ġunju 2017.

Ir-Reġistratur jeċċepixxi li l-partijiet u d-difensuri tagħhom intalbu jagħtu l-valur mertu tal-kawża in kwistjoni iżda ħadd ma ppreżenta nota li tindika dak il-valur u allura għadda biex intaxxa

l-kawża bħala punt ta' fatt jew ta' liġi.  Madanakollu, mill-atti ma jirriżultax illi r-Reġistratur għamel din it-talba lill-partijiet u lid-difensuri tagħhom qabel ma kkalkula t-taxxa tal-proċeduri in prim'istanza, bħal ma għamel qabel ma kkalkula t-taxxa tal-proċeduri fl-appell.

Jidher illi l-kontendenti ppreżentaw in-nota bil-valur fil-11 ta' Settembru 2019 għaliex kien biss f'dak l-istadju li ntalbu jagħtu l-valur.  Ir-Reġistratur intimat xehed illi kien intalab il-valur tal-komunjoni imma din l-informazzjoni ma waslitx.  Però ma ġabx prova li saret din it-talba matul il-proċeduri jew wara s-sentenza in prim'istanza u qabel ma ħadem it-taxxa tat-30 ta' Ġunju 2017. Huwa kkonferma li fil-każ ta' komunjoni tal-akkwisti, normalment it-taxxa ssir *ad valorem* meta jkun hemm valur u kif ukoll li r-raġuni għalfejn il-valur ma ġiex applikat għat-taxxa tal-prim'istanza kienet illi meta nħadmet dik it-taxxa, ma kienx hemm valur.

Dr. John Bonello xehed ukoll illi r-Reġistratur intimat kien infurmah illi l-unika soluzzjoni kienet illi ssir nota ffirmata mill-partijiet kollha u mhux biss mill-avukati tagħhom iżda l-partijiet ma waslux għal qbil dwar dan.

Bħal ma r-Reġistratur ħa ħsieb jibgħat jistaqsi lill-partijiet dwar il-valur wara li ngħalqu l-proċeduri fl-appell, seta' faċilment ukoll talabhom jiddikjaraw il-valur wara li ngħalqu l-proċeduri in prim'istanza u qabel ma ħadem it-taxxa tat-30 ta' Ġunju 2017. Ladarba jidher li r-Reġistratur ma intaxxax id-drittijiet professjonali fuq bażi *ad valorem* kif suppost kellu jkun fir-rigward tal-proċeduri in prim istanza, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu akkolti.

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti.

L-ispejjeż jithallsu mir-Reġistratur intimat.

IMHALLEF

DEP/REG